# IN-NIĊEĊ FL-GĦARB

## ...bejn kultura, arti u storja

Sandra Portelli

Hekk kif wieħed jidħol fil-pjazza Żjara tal-Madonna, ma jistax ma jinnotax il-lavur arkitettoniku tal-knisja tal-Għarb. Madanakollu, f'din il-ħarġa se nħarsu lil hinn mill-kobor u l-grandjożita', iżda pjuttost ikollna ngħollu ftit ħarsitna 'l fuq biex naraw nilmħux dik it-tip ta' arkitettura votiva, komunitattiva u tradizzjonali.

**Minn kult pagan għal fidi nisranija.**

In-niċeċ jeħduna lura għal żmien ir-Rumani waqt il-ħakma tal-Imperu Ruman. Fiż-żmien qabel daħal il-Kristjaneżmu, kont issib fid-djar u mkejjen privati u pubbliċi tip ta' niċeċ b'immaġini tad-divinita' tagħhom[1]. Iċ-ċittadini kienu jiefqu quddiem ix-xbieha tal-allat tagħhom jitolbuhom għajnuna, protezzjoni jew xi grazzja[2]. Mal-miġja tal-Kristjaneżmu, l-Insara ma baqgħux iqimu allat foloz iżda, għalkemm biddilna l-figura ma' xbihat sagri, xorta l-idea u l-istil tan-niċċa baqgħet simili.

**In-Niċċa**

In-niċċa hija komposta minn żewġ elementi: in-niċċa bħala struttura arkitettonika u l-istatwa. L-istil u d-daqs tan-niċeċ kienu ivarjaw skond ir-rikjesta u l-ammont ta' flus li l-propjetarju tan-niċċa kien lest li jonfoq. Insibu diversi varjazzjonijiet; hemm niċeċ elaborati minquxa b'sengħa kbira ġeneralment b'pilastri doriċi u hemm oħrajn aktar sempliċi u inqas prestiġġjużi. Id-differenza tista' taraha wkoll fid-daqs tan-niċeċ li nsibu kemm fi gżiritna b'mod partikolari fl-Għarb. Hemm niċeċ li ma jaqbżux il-ħames filati iżda ssib oħrajn ta' daqs monumentali. Barra minn hekk, tista' ssib niċeċ magħluqa fil-ħġieġ u x'uħud b'fanal quddiemhom, vażun jew ornament ieħor.

Għalkemm faċilment issib niċeċ vojta, ġeneralment, din tkun l-eċċezzjoni mhux ir-regola. Sfortunatament, ħafna drabi l-istatwi jew jinsterqu jew jitneħħew biex jiġu restawrati jew qatt ma tpoġġew statwi fihom. Iżda għalkemm tara niċeċ mingħajr xi qaddis jew qaddisa, il-maġġor parti tan-niċeċ fi gżiritna huma d-dar ta' diversi figuri reliġjużi fosthom bix-xbiha ta' Sidtna Marija taħt id-diversi titli fosthom tal-Karmu, l-Assunta, tal-Grazzja u l-Immakulata Kunċizzjoni fost l-aktar meqjuma fil-gżejjer Maltin.

**Niċeċ fl-Għarb[3]**

L-istess naraw fir-raħal tal-Għarb, għaliex minn tnax-il niċċa, sebgħa minnhom huma ddedikati lil Ommna tas-Sema, waħda tirrappreżenta lil Kristu Sultan, waħda lil San Ġużepp u oħra lil San Lwigi Gonzaga. Minn dawn it-tnax sfortunatament insibu tnejn vojta. Barra minhekk għalkemm mhux meqjusa bħala niċċa, l-istatwa ta' San Ġużepp u l-bambin fil-pjazza tar-raħal hija pjuttost ta' valur storiku u artistiku. Dawn iż-żewġ figuri sagri ngħataw indulġenza ta' 40 jum fit-30 ta' Awwissu tas-sena 1854, minn Mons P.M De Cosant.

L-ewwel niċċa illi se nsegwu mill-qrib hija dik iddedikata lil Marija mtellgħa s-sema'; l-Assunta. Din in-niċċa tinsab mal-faċċata tal-ewwel dar fit-triq illi tieħdok għas-Santwarju Marjan, ta' Pinu. Ix-xogħol fil-ġebla sar mill-iskultur Anton Żammit qrib is-sena 1928, għal valur ta' £10. Din il-figura għanda marbuta magħha 50 jum ta' indulgenza lil min jgħid is-Salve Reġina quddiemha. Dawn il-konċessjonijiet ingħataw mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi. Is-sengħa metikoluża ta' Żammit tidher ċara fid-dettal tal-ilbies tagħha u tal-poża rjali tal-Madonna.



It-tieni niċċa illi nilmħu hekk kif naqbżu id-dar ta' Karmni Grima hija l-hekk imsejħa 'il-Madonna tal-Fgura'. Din in-niċċa mhux dejjem kienet fil-post fejn qegħdha illum iżda mexxewha minħabba twessieħ fit-triq fl-1976. L-istorja ta' din in-niċċa teħodna lura għal l-aħħar tas-seklu sittax, mal-waqfa tal-kolera fi gżiritna. Il-Kanonku Salv Camillieri fl-artiklu tiegħu fuq In-niċeċ fir-raħal tal-Għarb jgħid hekk " *Fil-manuskritt nru 55 tal-Katidral tal-Imdina, f'folja 129, naqraw hekk dwarha : fl-Għarb hemm niċċa imsejjħa il-Fgura fuq il-lemin fid-daħla tar-raħal fuq it-tieqa tal-mitħna tar-riħ. Din in-niċċa twaqqfet wara li spiċċat il-kolera fl-1592. Inbniet f'gieħ il-Verġni Imqaddsa Marija biex jieqfu il-ħsejjes u l-għajat li sikwit kienu jinstemgħu bla ma jidher xejn; u li għamlu l'dawk l-inħawi mkejjen tal-biża' għan-nies li jkunu għaddejjin minn hemm[4]'.* B'differenza għall-istatwa illi hemm illum, fil-passat kien hemm inkwadru bix-xbiha tal-Kunċizzjoni.

L-istatwa tal-lum saret minn Wistin Camilleri taħt insistenza ta' Kan. Ġużeppi Galea (1858-1920). L-Isqof Ġwanni M. Camilleri bierek din l-istatwa u żejjinha b' indulġenza ta' 50 jum lil kull min jgħid Salve Reġina quddiemha, b'diġriet tal-20 t'Ottubru 1904.

Ftit 'l bogħod min-niċċa storika tal-Kunċizzjoni nsibu niċċa rtirata fil-ħajt magħluqa bi ħġieġa. In-niċċa ta' San Ġużepp hija miżmuma tajjeb ħafna. Din kienet ġiet restawrata għall-aħħar tal-erbgħinijiet. L-istatwa hija tal-ġebel u miżbugħa bil-kulur filwaqt li l-gwarniċ tan-niċċa huwa tal-injam. L-istatwa hija pjuttost sempliċi u umli bħal l-istess qaddis. Skont in-nies tal-lokal jingħad li fid-19 ta' Marzu kienet issir ħuġġieġa quddiemha.

Hekk kif wieħed jersaq aktar lejn iċ-ċentru tal-Għarb, mad-dar tal-familja tal-mibki Isqof Nikol Cauchi, insibu niċċa majestuża ta' Kristu Sultan. Għalkemm l-istil tan-niċċa m'huwiex kompless, b'forma pjuttost simetrika u lixxa, l-istatwa maħduma mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri turi l-grandjożita' ta' Sidna Ġesu' Kristu. It-tnaqqix u l-elaborazzjoni fl-ilbies jagħtuha l-ħajja. Lil Kristu Sultan narawh rappreżentat b'kuruna u xettru. Din l-istatwa oriġinarjament inħadmet għal ħabta tas-sena 1937 iżda ġiet restawrata mill-aktar mod professjonali f'dawn l-aħħar snin.

Maġenb Kristu Sultan fuq il-mużew tal-folklor, insibu l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin. Bħalma diġa' semmejt, din l-istatwa ġġib id-data ta' 1854, meta ngħatat l-indulġenza. B'differenza għan-niċċa ta' San Ġużepp li rreferejna għaliha qabel, il-figuri rappreżentati f'dan ix-xogħol tal-ġebel huma uniċi. L-istatwa turi l-missier putattiv iżomm idejn Ġesu' ċkejken. Il-bravura tal-iskultur tidher fil-mod ta' kif il-figuri jidhru qishom qegħdin jagħmlu moviment. Il-lavur sottili fil-ħwejjeġ, id-dettal tal-uċuħ, juri l-kapaċita' artistika ta' min ħadimhom. Sfortunatament, ma sibtx referenza min seta' kien l-iskultur.

Fil-bidu tat-triq Dun Alwiġ Mizzi nistgħu naraw niċċa żgħira bix-xbiha tal-Madonna ta' Lourdes. Bħala niċċa ma hijiex daqshekk antika. Għalkemm m'hemmx data, wisq probabbli ġiet mibnija mal-istess dar għall-ħabta tas-snin sittin jew sebgħin. In-niċċa hija pjuttost sempliċi fl-istil, b'pilastru fuq kull naħa u b'salib b'forma rregolari. L-istatwa hija waħda komuni u miżbugħa bajda.

Fl-istess triq insibu niċċa vojta. Għalkemm hija elaborata fl-istil, ma nafux xi statwa kien hemm jew jekk tħallietx vojta.

Niċċa vojta oħra qegħdha fi Pjazza Żjara tal-Madonna. Xejn ma nafu fuq din in-niċċa ħlief li bħala stil għandha forma ta' tempju Ruman, simetrika u b'salib minqux fuq nett.

Xogħol ieħor ta' Wistin Camilleri nistgħu narawh fi Triq Sdieri. In-niċċa sempliċi qegħdha tesebixxi l-figura tal-Madonna tal-Grazzja. Fl-1958, Mons. Isqof Ġużeppi Pace berikha u taha mitt jum ta' indulġenza. Tpoġġiet fil-post fl-1 ta' Ġunju 1958 u f'kull tieni Ħadd ta' Settembru kienet tinxtgħel ħuġġieġa quddiemha. L-istatwa turi l-Madonna b'idejha miftuħa lejn id-devoti tagħha, bħal qisha qegħda tilqa' t-talb kollu li jagħmlulha. Insibu wkoll fanal kbir quddiemha. Riċentament, din ġiet restawrata wkoll.

Qaddis ieħor raffigurat fin-niċeċ fl-Għarb huwa San Lwiġi Gonzaga. Għalkemm id-data ta' meta nħadmet m'hijiex magħrufa, fit-12 ta' Novembru 1932 kienet lesta għaliex ingħataw ħamsin jum ta' indulġenza mill-Isqof Gonzi. Bħalma rajna fi statwi oħrajn, l-iskultur huwa Wistin Camilleri. In-niċċa hija pjuttost rikka. L-istatwa tirrafigura lil dan il-qaddis żagħżugħ li miet ta' 23 sena. F'idejh qed iżomm b'tant devozzjoni kurċifiss. Huwa jidher liebes ilbies ta' abbati.

Niċċa għal qalb il-parruċċani tal-Għarb hija bla





dubju dik tal-Viżitazzjoni tal-Madonna fi Triq Monġur kantuniera ma' Triq Birbuba. Id-data u l-iskultur mhumiex magħrufa, iżda fl-1946 ġiet restawrata minn Wistin Camilleri. Fi żmien il-festa, fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, in-nies tal-lokal kienu jżejnuha bi fjuri, lampi taż-żejt u damask aħmar. Ta' min jinnota li ż-żewġ figuri ta' Marija u Eliżabetta huma replika tal-istatwa titulari li żżejjen it-toroq tal-Għarb fi żmien ta' festa.

L-aħħar niċċa fl-inħawi tal-Għarb tirrappreżenta lil Madonna tal-Karmnu. Din l-istatwa nħadmet fl-1838 minn Alessandru Żammit miż-Żejtun u mħallsa mid-devot Karmenu Tabone. Fit-2 u fis-16 ta' Lulju kienu jixgħelu t-tazzi tal-kulur biż-żejt. Illum din in-niċċa ssebbaħ Triq il-Blata b'fanal kbir tal-ħadid.

Għalkemm irreferejt għall-aħħar niċċa, propjament l-aħħar niċċa tinsab fuq l-għolja t'Għammar. In-niċċa tal-Madonna Ta' Pinu kien għamilha Franġisk Mercieca, magħruf bħala Frenċ tal-Għarb. Din in-niċċa sempliċi ġiet magħmula fl-1961. Illum nistgħu nsibuha fit-telgħa tal-għolja t'Għammar flimkien mal-Via Crucis monumentali. In-niċċa hija mibnija ġo ħajt tas-sejjieħ u l-ammont ta' santi, fjuri u xemgħat, juru d-devozzjoni li hemm lejn il-Madonna Ta' Pinu. Din in-niċċa ġiet restawrata f'April 2012 wara li kienet ġiet vandalizzata.

Għandna nkunu kburin b'dan il-patrimonju artistiku u arkitettoniku li għandna fi gżiritna. Għaldaqstant is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed tiġbor fl-Inventarju Nazzjonali niċeċ storiċi li nsibu fil-gżejjer Maltin. Kull min hu interessat jista' jara l-informazzjoni dwar id-diversi niċeċ fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex fuq www.culturalheritage.gov.mt

Bħala poplu li għandu għal qalbu dak li huwa sagru jew artistiku jew anke dak folkloristiku u tradizzjonali għandna ngħożżu dan il-wirt imprezzabli li ħallewlna missirijietna. Wirt illi jekk ma jiġix ikkonservat u ikkurat kif suppost nkunu f'riskju illi nitilfuħ darba għal dejjem.



1 Heywood, L. (2011) *Street Shrines: The history behind Florence's tabernacles.* Aċċessat 13 April 2012 <http://www.theflorentne.net/articles/article-view.asp?issuetocId=6637>
2 Anon. (2013) *Capitello Votivo.* Aċċessat 2 January 2013 <http://it.wikipedia.org/wiki/Capitello_votivo>
3 Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (2012) *National Inventory of the Cutural Property of the Maltese Islands : Chapels and Niches in Malta & Gozo*, Ippubblikat online fejn hu aċċessibli minn fuq: www.culturalheritage.gov.mt
4 Kan. Camilleri, S. (1987) Niċeċ fir-raħal tal-Għarb in Various, *Niċeċ f'Għawdex: Storja, Reliġjon u Folklor* (pp.28-31) Malta: Dar Editriċi tal-Franġisani Konventwali Reliġjon u Ħajja.




MICHAEL FORMOSA
ALUMINIUM WORKS

13, Frenċ tal-Għarb,
Għarb, Gozo,
Tel. 2155 2120
Mob. 7973 4316